**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 151**

L-Erbgħa, 4 ta' Ottubru 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippresjeda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali l-Onor. Owen Bonnici, il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli l-Onor. Roderick Galdes u s-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Rebecca Buttigieg kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Carmelo Abela, l-Onor. David Agius u l-Onor. Graziella Attard Previ kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Keith Azzopardi Tanti*, l-Onor. Glenn Bedingfield, l-Onor. Claudette Buttigieg u l-Onor. Stephen Spiteri* kienet skużata.

~~Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Keith Azzopardi Tanti~~*, l-Onor. Chris Said u ~~l-Onor. Stephen Spiteri~~* kienu assenti.

**Vide Minuti tas-Seduta 153 – 10.10.2023*

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 150 li saret fit-3 ta' Ottubru 2023 kienu kkonfermati.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 9870 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2281 Deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fil-kawża Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) vs Christian Borg et (Rikors Numru 23/2019 MC deċiża fil-25 ta' Settembru 2019, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11097.

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2282 Tagħrif dwar dħul stmat mill-permessi tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra (Emission Trading Units) fl-Estimi Finanzjarji għas-sena 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numri 11386;

P.L. 2283 Tabella li turi n-numru ta' żgħażagħ bejn is-16 u d-29 sena li kienu qed jirreġistraw għax-xogħol fil-perjodu bejn Jannar 2012 u Awwissu 2023 maqsuma xahar b'xahar, bi tweġiba għall mistoqsijiet parlamentari numri 11581;

P.L. 2284 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta (MSA) għas-sena 2022;

P.L. 2285 Rapport Annwali tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) għas sena 2022; u

P.L. 2286 *Work Programme 2023 - 2025* tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2287 Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta' persuni ingaġġati mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Ġustizzja bejn Marzu 2022 u Awwissu 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11173;

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2288 Tagħrif dwar il-membri l-bordijiet u entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Prim Ministru, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11525;

f'isem il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2289 Tliet invoices maħruġa lill-Kunsill Lokali tal-Mosta għal xogħlijiet magħmula f'ġonna pubbliċi (inkluż spiża fuq siġar taż-żebbuġ) datati 30 ta' Jannar 2023 u 12 ta' Lulju 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11128; u

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2290 Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta' persuni ingaġġati mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza bejn Marzu 2022 u Awwissu 2023, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 11170;

P.L. 2291 Tagħrif dwar il-membri tal-bordijet u entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11466; u

P.L. 2292 Tagħrif dwar l-attivitajiet li ttellgħu matul il-programm uffiċjali tal-Europride Valletta 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11584.

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2293 Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta’ persuni ingaġġati mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Anzjanità Attiva bejn Marzu 2022 u Settembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11174.

**PUNTI MQAJMA MINN ONOR. MEMBRI TAL-KAMRA**

B’referenza għar-ruling tas-Sedja mogħti fis-Seduta 138 tas-26 ta’ Ġunju 2023 l-Onor. Darren Carabott u l-Onor. Ian Vassallo rrimarkaw li minkejja dan ir-ruling, mistoqsijiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa rispettivament kienu għadhom mhux imwieġba minkejja li dawn ġew sottomessi mill-ġdid.

Is-Sedja ħadet nota tal-punti mqajma mill-Onor. Membri u qalet li ser tagħti d-direzzjoni tagħha fi stadju ulterjuri.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX JIRREGOLA N-NAVIGAZZJONI FL-AJRU – ABBOZZ NRU 63**

L-Ispeaker qara lill-Kamra dan il-Messaġġ mingħand il-President ta’ Malta mgħoddi lilu mill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, l-Onor. Aaron Farrugia.

**GEORGE VELLA**
**PRESIDENT**

Il-President, wara li kien informat dwar is-suġġett tal-Abbozz ta’ Liġi “sabiex jirregola n-Navigazzjoni fl-Ajru”, jirrakkomandah għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

1 ta’ Awwissu 2023

Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali ppropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta’ Liġi dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Aaron Farrugia, l-Onor. Edward Zammit Lewis u l-Onor. Clayton Bartolo għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Ivan Castillo għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta’ Liġi msejjaħ “Att sabiex jirregola n-Navigazzjoni fl-Ajru” inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali talab il-permess sabiex, minkejja li dan l-Abbozz ta’ Liġi jirrikjedi l-Messaġġ tal-President, iressaq mozzjoni ħalli l-istadju ta’ kumitat tal-Abbozz jiġi ttrattat fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta’ Abbozzi ta’ Liġi.

Il-permess ingħata.

Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali ppropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**2. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 3) – ABBOZZ 40**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att dabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9".

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Fid-diskussjoni ħa sehem l-Onor. Jonathan Attard għan-naħa tal-Gvern.

Fis-6.27 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 9 ta' Ottubru 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | Tielet Qari |

Jew xi aġenda oħra li tiġi komunikata aktar tard.

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar iż-Żona Ekonomika Esklussiva u Liġijiet Varji | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Agrikoltura | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Janice Chetcuti, mill-Joe Giglio u mill-Onor. Albert Buttigieg.

Fis-6.57 p.m. l-Ispeaker, avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 9 ta' Ottubru 2023, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Ġustizzja.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**